MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 77/1997/1

**Tigrija Developments Limited**

**Vs**

**Patman Company Limited, Emmanuel Sultana, Patrick Grima, Marthese Saliba**

**Sentenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tat-talba prezentat fl-14 ta’ Lulju 1997 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm651.07) rapprezentati hlas ta’ erbgha (4) skadenzi ta’ sehem is-socjeta konvenuta Patman Company Limited mill-ispejjez ghall-provvista ta’ servizzi u manutenzjoni tal-partjiet komuni tal-kumpless maghruf bhala Tigrija Palazz, Triq ir-Repubblika, Victoria,

Ghawdex, relattivi ghal hanut New Look skond kuntratt tad-9 ta’ Frar elf disgha mija u sitta u disghajn (1996) fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fil-11 ta’ Awwissu 1997 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:-

1. Is-socjeta attrici naqset milli twettaq l-obbligu taghha rigward il-hlas tal-kontribuzzjonijiet tal-*common areas* mitluba minnha, u ezattament naqset illi sat-30 ta’ Marzu ta’ kull sena tforni lil Patman Company Limited b’kont audited tal-ammont attwalment dovut mill-konvenuti.
2. Illi c-citazzjoni hija ntempestiva u ma tistax timxi ‘il quddiem qabel ma u sakemm is-socjeta attrici ma tipprovdix lil Patman Company Limited b’kopja ta’ dan il-kont, u kwindi l-esponenti ma ghandhom ihallsu ebda parti mill-ispejjez gudizzjarji inkorsi sa issa.
3. Illi fil-meritu l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa wiehed esagerat u ma huwiex dovut mill-esponenti in kwantu f’dan l-ammont is-socjeta attrici nkludiet xogholijiet u spejjez li m’ghandhom x’jaqsmu xen mal-common areas.

Rat l-atti tal-kawza inkluz in-nota prezentata llum li permezz taghha s-socjeta attrici cediet il-kawza u zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Semghet ix-xhieda ta’ John Saliba li kkonferma r-rendikont ezebit a fol. 2 tal-process u li l-hlas pretiz sar mill-konvenuti fit-2 ta’ Lulju 2001.

Rat li l-konvenuti naqsu milli jressqu provi sabiex jissostanzjaw l-eccezzjonijiet taghhom u anzi mix-xhieda moghtija minn John Saliba jirrizulta li ma kien hemm l-ebda inadempjenza min-naha tas-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta- sitt mija sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltija u sebgha centezmi (Lm651.07) stante pagament fil-mori ta’ dawn il-proceduri, qeghdha tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------